# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 31 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 16**

**Rik. Nru. 969/14JRM**

Denis **TANTI**

vs

**IĊ-*CHAIRMAN* KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ**, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Novembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li t-twaqqif b'sospensjoni temporanja tiegħu minn għalliem f'kors imniedi mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ li jwassal għal *Diploma in Child Care and Education* permezz ta' ittra elettronika tal-11 ta' Lulju, 2014, u kif ukoll l-ingaġġ ta' persuna oħra minfloku biex tgħallem l-istess suġġetti waqt li huwa kien għadu sospiż saru mill-imħarrkin, jew min minnhom, bi ksur tal-liġi u jmorru kontra d-dispożizzjonijiet

tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta safejn jiksru l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kap 12, billi saru lil hinn mis-setgħat ("*ultra vires*") lilhom mogħtija u dan għaliex l-għemil twettaq minn awtorita` pubblika li ma kenitx awtorizzata biex twettqu; jew għaliex l-imħarrkin, jew min minnhom, naqsu li jħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew iħarsu l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel ta' dak l-għemil; jew għaliex l-imsemmi għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita` pubblika billi sar għal għanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti; jew għaliex l-imsemmi għemil amministrattiv imur mod ieħor kontra l-liġi; (ii) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissalhom, jirrevedu jew jibdlu d-deċiżjoni meħuda kontrih, billi jwaqqfulu s-sospensjoni; (iii) issib li, f'każ li l-imħarrkin jew min minnhom jonqsu li jagħmlu dak lilhom ordnat fiż-żmien lilhom mogħti, is-sospensjoni ma għandha l-ebda siwi u li huwa jista' jkompli jwettaq il-ħidma tiegħu fil-kors imsemmi taħt l-istess kundizzjonijiet li kien igawdi qabel kien sospiż; u (iv) tagħti lill-imħarrkin jew lil min minnhom, dawk id-direttivi u ordnijiet oħra li jidhrilha xierqa. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ kull jedd tiegħu għal azzjonijiet oħrajn spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mis-Segretarju Permanenti mħarrek fid-9 ta' Diċembru, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (i) huwa mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi billi huwa ma kien imdaħħal f'xejn mill-ġrajjiet imsemmija mill-attur; (ii) l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha u l-Qorti ma jmisshiex tkompli tismagħha ladarba l-attur naqas milli jinqeda b'rimedju li tagħtih liġi oħra[1]; u (iii) li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma tiswiex għall-każ tal-attur billi dak li sar mhuwiex "egħmil amministrattiv" kif tfissru l-liġi. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba mressqa miċ-*Chairman* imħarrek fit-12 ta' Diċembru, 2014, li bih laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li (i) huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex, fil-kwalita` tiegħu ta' *Chairman* tal-Korporazzjoni ma jweġibx għall-egħmejjel jew deċiżjonijiet tagħha u jmissu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża; u (ii) li wħud mit-talbiet attriċi ma jaqgħux

[1] B'verbal magħmul waqt is-smigħ tat-13 ta' Jannar, 2015, l-avukat difensur tal-imħarrek qalet li dik l-eċċezzjoni tirreferi għall-art. 3 tal-Att tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Att XXVII tal-1990, Kap 343)

fis-setgħat ta’ din il-Qorti *ratione materiae* u l-attur imissu jiċċara din il-kwestjoni[2]. Laqa’ wkoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta’ Jannar, 2015[3], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, issir it-trattazzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tas-Segretarju Permanenti mħarrek, u tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari taċ-*Chairman* imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Frar, 2015[4], li bih u fuq talba tal-attur, ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ l-provi li seta’ kellhom il-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa miċ-*Chairman* imħarrek fit-23 ta’ Lulju, 2015[5], dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mis-Segretarju Permanenti mħarrek fil-21 ta’ Awwissu, 2015[6] dwar l-imsemmija tliet eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-19 ta’ Ottubru, 2016[7], bi tweġiba għal dawk tal-imħarrkin;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

[2] B’verbal magħmul waqt is-smigħ tat-13 ta’ Jannar, 2015, l-avukat tal-imħarrek fisser din l-eċċezzjoni billi qal li t-temm tal-ħatra tal-attur taqa’ fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali
[3] Paġ. 129 tal-proċess
[4] Paġ. 133 tal-proċess
[5] Paġġ. 146 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 155 – 9 tal-proċess
[7] Paġġ. 165 – 6 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li l-Qorti ssib li s-sospensjoni "temporanja" tiegħu bħala għalliem f'kors imniedi mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u l-ħatra ta' għalliem ieħor minfloku matul iż-żmien ta' dik is-sospensjoni saru bi ksur tal-liġi u b'mod abbużiv. Irid li l-Qorti tistħarreġ l-imsemmija deċiżjonijiet u tordna t-tħassir tagħhom u li l-attur jerġa' jitqiegħed fl-istess pożizzjoni li kien qabel kien sospiż;

Illi għal din l-azzjoni, iċ-*Chairman* imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li (i) huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex, fil-kwalita` tiegħu ta' *Chairman* tal-Korporazzjoni[8] ma jweġibx għall-egħmejjel jew deċiżjonijiet tagħha u jmissu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża; u (ii) li wħud mit-talbiet attriċi ma jaqgħux fis-setgħat ta' din il-Qorti *ratione materiae* u l-attur imissu jiċċara din il-kwestjoni[9]. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi, min-naħa l-oħra, is-Segretarju Permanenti mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (i) huwa mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi billi huwa ma kien imdaħħal f'xejn mill-ġrajjiet imsemmija mill-attur; (ii) l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha u l-Qorti ma jmisshiex tkompli tismagħha ladarba l-attur naqas milli jinqeda b'rimedju li tagħtih liġi oħra[10]; u (iii) li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma tiswiex għall-każ tal-attur billi dak li sar mhuwiex "egħmil amministrattiv" kif tfissru l-liġi. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi, fil-qosor ħafna, il-fatti li joħorġu sa issa mill-atti tal-kawża juru li lejn il-bidu tal-2014, il-Korporazzjoni nediet sejħa elettronika għall-mili ta' karigi ta' għalliema ('*trainers*') f'korsijiet imnedijin minnha għat-taħriġ ta' persuni f'bosta oqsma[11]. L-attur kien wera l-ħajra li jagħti taħriġ bħala għalliem f'kors marbut mal-kura tat-tfal u fid-19 u s-26 ta' Mejju, 2014[12], rċieva konferma tal-ħinijiet u d-dati ta' meta kellu jagħti l-lezzjonijiet matul dik is-sena. L-attur kien diġa` tqabbad jagħti lezzjonijiet ta' taħriġ f'dawn l-oqsma qabel (permezz ta' kuntratt ma' kumpannija), iżda l-arranġamenti li kien hemm kienu ntemmu u l-Korporazzjoni nediet hi l-korsijiet il-ġodda;

Illi qabel ma kellu jiftaħ il-kors, l-attur ingħata s-sillabu li kellu jkopri fil-kors;

---

8 Li, bis-saħħa tal-Att XXVII tal-2016, saret tissejjaħ Jobsplus

9 B'verbal magħmul waqt is-smigħ tat-13 ta' Jannar, 2015, l-avukat tal-imħarrek fisser din l-eċċezzjoni billi qal li t-temm tal-ħatra tal-attur taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali

10 B'verbal magħmul waqt is-smigħ tat-13 ta' Jannar, 2015, l-avukat difensur tal-imħarrek qalet li dik l-eċċezzjoni tirreferi għall-art. 3 tal-Att tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Att XXVII tal-1990, Kap 343)

11 Dok "A", f'paġġ. 14 – 6 tal-proċess

12 Dokti "Ċ" u "D", f'paġġ. 24 sa 27 tal-proċess

Illi fit-8 ta' Ġunju, 2014, l-attur ressaq l-applikazzjoni tiegħu għas-sejħa pubblika li għamlet il-Korporazzjoni u fis-17 ta' Ġunju, 2014, kien intervistat mill-Bord tal-Għażla. Sadattant, huwa jgħid li kien mgħarraf li mit-tliet korsijiet li kien għażel li jgħallem fihom, kien intgħażel ħaddieħor biex jgħallem fi tnejn minnhom li kien tħajjar għalihom hu;

Illi fl-24 ta' Ġunju, 2014, l-attur intalab jagħmel tibdiliet fil-'*powerpoint presentation*' li kellu juża fil-kors li kien skedat li jiftaħ fit-30 ta' Ġunju, 2014, b'mod li dawn setgħu jitqassmu lill-istudenti bħala noti. L-attur ta t-tagħrif mitlub u beda jagħti l-lezzjonijiet kif skedat, għalkemm jilmenta li l-Korporazzjoni naqset li tqassam lill-istudenti n-noti li huwa kien bagħtilha minn qabel dwar is-suġġett li kien qed jgħallem;

Illi fil-11 ta' Lulju, 2014[13], l-attur irċieva ittra elettronika li għarrfitu li, b'effett immedjat, kien sospiż temporanjament milli jkompli jgħallem fl-imsemmi kors, sakemm jibgħat verżjoni xierqa tan-Noti tal-Kors, il-*Course Presentations,* l-iskema tal-lezzjonijiet li kellu fi ħsiebu jagħti u l-mistoqsijiet tal-*assessments*. Għarrfitu wkoll li, hekk kif il-materjal li ntalab jingħata ikun approvat mill-*Quality Assurance Unit* tal-Korporazzjoni, jerġgħu jirrevedu s-sospensjoni u, jekk ikun il-każ, jibagħtu għalih biex ikompli jagħti l-lezzjonijiet taħt skeda ġdida;

Illi ftit żmien wara, l-attur sar jaf li l-għada li kien sospiż, persuna oħra tqabbdet tgħallem fl-istess kors li minnu hu kien sospiż[14]. Hekk kif sar jaf, hu qabbad avukat biex jikteb liċ-*Chairman* imħarrek biex jilmenta dwar dan[15]. L-imħarrek bagħat tweġiba fis-6 ta' Awwissu, 2014[16], fejn fost ħwejjeġ oħra, bagħat jgħarrfu li dik li kienet sospensjoni temporanja issa nbidlet f'temm ta' mpieg billi l-attur baqa' ma tax il-materjal li ntalab jagħti meta kien sospiż;

Illi fis-7 ta' Awwissu, 2014[17], ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin u kontra l-Avukat Ġenerali li bih, fost l-oħrajn, talabhom ineħħu s-sospensjoni u biex minnufih ireġġgħu lura d-deċiżjonijiet li ħadu kontrih;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fl-4 ta' Novembru, 2014;

---

[13] Dok "M", f'paġ. 70 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu f'paġ. 138 tal-proċess
[15] Dok "N1", f'paġġ. 77 – 9 tal-proċess
[16] Dok "O", f'paġġ. 80 – 2 tal-proċess
[17] Dok "Q", f'paġġ. 85 – 9 tal-proċess

Illi fil-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jirrigwardaw l-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin mill-imħarrkin, il-Qorti sejra tqis l-ewwel dawk imqajmin mis-Segretarju Permanenti mħarrek;

Illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju Permanenti** mħarrek tgħid li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Huwa jisħaq li fil-każ li minnu jilminta l-attur ma kien imdaħħal f'xejn u ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnu u l-attur f'kulma jirrigwarda l-każ tal-lum;

Illi dwar din l-eċċezzjoni l-attur qajla jwieġeb. Jgħid biss li l-fatt li l-Korporazzjoni hija enti morali distinta, huwa għamel sewwa li ħarrek ukoll lis-Segretarju Permanenti;

Illi l-Qorti tqis li, qabel xejn, biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor[18]. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti nattriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqis bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;

Illi minn qari b'reqqa tal-atti u l-provi dokumentali li tressqu sa issa f'din il-kawża, jidher sewwa li s-Segretarju Permanenti mħarrek ma kien imdaħħal bl-ebda mod fl-ebda waħda mill-ġrajjiet li l-attur isemmi bħala l-qafas li wassal għall-ilmenti tiegħu f'din il-kawża. Dan jidher ukoll mill-premessi tar-Rikors Maħluf promotur;

Illi lanqas ma huwa l-każ li l-preżenza tal-istess imħarrek hija b'xi mod meħtieġa biex il-ġudizzju f'din il-kawża jkun sħiħ. L-istħarriġ li l-attur qiegħed jitlob f'dan il-każ jista' jsir fil-konfront tal-parti mħarrka l-oħra waħedha u fuq il-mertu ta' dak li sar jew ma sarx minnha;

Illi s-sottomissjoni magħmula mill-attur f'dan ir-rigward ma tinftihemx. Lanqas ma ntwera kif, minkejja l-provi mressqa sa dan l-istadju bikri, is-Segretarju Permanenti mħarrek għandu jwieġeb għat-talbiet attriċi jew jibqa' fil-kawża sakemm jitressqu l-provi fil-mertu;

[18] App. Inf. PS **9.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Co Ltd vs Top Hat Co Ltd.***

Illi minħabba f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju Permanenti hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, ma tarax għalfejn għandha toqgħod tistħarreġ ukoll is-siwi ta**ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn** tiegħu billi l-istħarriġ tagħhom ma jibdel xejn mill-qagħda tiegħu f'din il-kawża u lanqas huma ta' fejda għall-parti mħarrka l-oħra li għażlet li tiddefendi ruħha fuq linji differenti;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-**eċċezzjonijiet preliminari mqajmin miċ-*Chairman* imħarrek**. Bihom iqajjem il-kwestjoni dwar jekk huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u l-oħra dwar jekk il-Qorti għandhiex il-kompetenza *ratione materiae* li tqis l-ilment tal-attur;

Illi ċ-*Chairman* imħarrek jgħid li l-ewwel eċċezzjoni tiegħu tinbena fuq dak li jgħid l-artikolu 5(2) tal-Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-Korporazzjoni (illum *Jobsplus*) tkun enti morali li jkollu personalita` ġuridika distinta u li jkun jista' jidħol għal kuntratti, jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull proprjeta` għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-Att, iħarrek u jkun imħarrek, u li jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha meħtieġa jew marbuta mal-funzjonijiet li tagħtih il-liġi. Huwa jżid jgħid li f'din il-kawża tħarrek hu u mhux *Jobsplus* u għalhekk tħarrek għalxejn, għaliex l-ilmenti tal-attur jippuntaw għal *Jobsplus*. Jisħaq li l-attur baqa' ma talabx li l-atti tal-kawża mibdija minnu jissewwew biex jitneħħa dan in-nuqqas tiegħu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab din l-eċċezzjoni u jagħmilha ċara li ħarrek liċ-*Chairman* safejn dan jirrappreżenta lill-Korporazzjoni mħarrka u mhux kontrih personalment;

Illi l-Qorti ma ssibx li din l-eċċezzjoni hija tajba. Huwa minnu li l-attur jixli lil *Jobsplus* jew lil uffiċjali tagħha bl-għemejjel li dwarhom jitlob lil din il-Qorti tagħmel l-istħarriġ meħtieġ. Imma b'daqshekk ma jfissirx li ċ-*Chairman* tħarrek ħażin. Kif sewwa jirrileva l-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu, hija l-liġi nnifisha li tgħid li ċ-*Chairman* iħaddan ir-rappreżentanza ġuridika tal-Korporazzjoni[19] u li dik ir-rappreżentanza tista' tingħata lil ħaddieħor biss bis-saħħa ta' riżoluzzjoni li tkun ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern u tkun tgħodd biss b'seħħ mill-pubblikazzjoni. L-imħarrek ma ressaq l-ebda prova li hemm fis-seħħ xi riżoluzzjoni bħal din u għalhekk iċ-*Chairman* imħarrek għandu

[19] Art. 6(1) tal-Kap 343

jitqies li għadu jirrappreżenta lill-Korporazzjoni u jitqies li tħarrek f'dik il-kwalita';

Illi, biex jitneħħa kull dubju, u kif jidher li antiċipa wkoll l-istess imħarrek fis-sottomissjonijiet tiegħu, din il-Qorti sejra tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna t-tiswija tal-atti biex jiċċara din il-kwestjoni;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u mhix sejra teħles lill-imħarrek milli jibqa' aktar fil-kawża;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari taċ-*Chairman* imħarrek tqis li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa mil-liġi li tisma' jew tqis uħud mit-talbiet magħmula mill-attur. Huwa jgħid li wħud mit-talbiet imisshom jinstemgħu mit-Tribunal Industrijali għaliex jirrigwardaw it-twaqqif tiegħu milli jkompli jgħallem. L-imħarrek jistrieħ fuq dak li jipprovdi l-artikolu 75(1)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[20]. Dan jgħidu għaliex, sa minn qabel ma l-attur fetaħ din il-kawża, kien diġa` mgħarraf li s-sospensjoni tiegħu kienet issarfet f'temm tal-impieg għaliex kien naqas milli jressaq it-tagħrif lilu mitlub u li kien wassal għas-sospensjoni tiegħu minn għalliem;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li l-kelma 'tkeċċija' mill-impieg qatt ma ssemmiet miegħu u l-azzjoni tiegħu tirrigwarda biss is-siwi tas-sospensjoni tiegħu u l-ħatra ta' ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel huwa meta kien għadu sospiż għal żmien temporanju. Jgħid li f'din il-kawża ma għandu l-ebda ħsieb jew għan li jikkontesta jekk it-tkeċċija mill-impieg tiegħu kinitx ġustifikata jew le;

Illi l-Qorti tqis li kemm l-eċċezzjoni kif imressqa u kemm is-sottomissjonijiet tal-attur dwarha joħolqu diffikulta`. *Jobsplus* tgħid li l-eċċezzjoni ressqitha dwar uħud mit-talbiet. B'dan il-Qorti qiegħda tifhem li l-eċċezzjoni ma tgħoddx għat-talbiet kollha u għalhekk, safejn dawk it-talbiet mhumiex milqutin bl-eċċezzjoni, jibqa' fis-setgħa ta' din il-Qorti li tqishom. Il-Qorti tqis ukoll li (minkejja dak li sata' kien jaf bih l-attur fil-waqt li fetaħ din il-kawża) it-talbiet attriċi jitkellmu dwar is-sospensjoni li ngħatat lill-attur mix-xogħol u ma tissemmiex it-temm tal-impieg jew tkeċċija. L-azzjoni attriċi timmira għall-istħarriġ tas-siwi tas-sospensjoni u tal-ħatra mogħtija lil ħaddieħor waqt li l-attur kien sospiż. Dawn il-ħwejjeġ ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali taħt l-artikolu msemmi mill-Korporazzjoni mħarrka u wisq

[20] Kap 452

anqas joħorġu mis-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti biex tistħarreġ għemil amministrattiv, ukoll meta dan ikun jirrigwarda proċeduri interni ta' dixxiplina jew mod ieħor li jolqtu l-ħidma ta' impjegat ta' korp kostitwit[21];

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur kien jaf sa minn qabel ma fetaħ din il-kawża, li l-Korporazzjoni mħarrka kienet temmet l-ingaġġ tiegħu u ma kinitx għadha aktar tqis is-sospensjoni tiegħu bħala waħda temporanja imma, kif ewfemistikament issejħilha, "is-sospensjoni tiegħu ssir terminazzjoni permanenti"[22]. Il-Qorti ma tistax twarrab din iċ-ċirkostanza minn quddiem għajnejha u tagħraf li jekk kemm-il darba se jintalab stħarriġ dwar tali temm ta' mpieg, l-eċċezzjoni mqajma tkun tiswa għaliex ħwejjeġ bħal dawk jaqgħu tabilħaqq taħt il-kompetenza esklussiva li l-liġi tagħti lit-Tribunal Industrijali. Jiġifieri, l-mertu tal-istħarriġ li l-attur jista' għad fadallu fit-talbiet tiegħu jridu jitqiesu bla ma jinfetaħ stħarriġ fuq is-siwi tat-temm tal-ingaġġ tiegħu minn mal-Korporazzjoni. Dan iġib miegħu wkoll kunsiderazzjoni dwar l-għan u l-interess ġuridiku tal-attur li jitlob stħarriġ dwar is-siwi tas-sospensjoni tiegħu minn impieg meta dak l-impieg huwa llum il-ġurnata mitmum;

Illi, minkejja dan kollu, u minħabba l-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, il-Qorti ma tistax issib li hija mneżżgħa mis-setgħa li tisma' din il-kawża u ma jidhrilhiex li huwa xieraq li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari kif imfassla;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tas-Segretarju Permanenti mħarrek u ssib li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u tħarrek għalxejn u għalhekk teħilsu milli jibqa' aktar fil-kawża bi spejjeż għall-attur;

**Tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-istess Segretarju Permanenti ladarba nħeles milli jibqa' aktar fil-kawża;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** taċ-*Chairman* imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u dan billi huwa tħarrek in rappreżentanza tal-Korporazzjoni;

**Tordna** li, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-'okkju' tal-kawża fejn jirreferi għall-ewwel parti mħarrka, wara l-kelma

[21] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **3.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Sammy Meilaq et***
[22] Ara Dok "O", f'paġ. 80 tal-proċess

"*Chairman*" jidħlu l-kliem "in rappreżentanza tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, illum magħrufa bħala *Jobsplus*" u jitħassar il-kliem l-ieħor;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** taċ-*Chairman* imħarrek billi, kif imfassla, ma tneħħix minn din il-Qorti s-setgħa li tistħarreġ it-talbiet tal-attur;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu tat-talbiet attriċi kontra l-Korporazzjoni mħarrka; u

**Tordna** li l-Korporazzjoni mħarrka tħallas l-i**spejjeż** marbuta ma' din is-sentenza, ħlief għal dawk tal-imħarrek Segretarju Permanenti, li għandu jħallashom l-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Mejju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Mejju, 2018**